MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 23/2002/1

**Jennifer Haines f'isimha proprju u bhala prokuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Michela Haines.**

**vs.**

**L-Avukat Dr. Victor Scerri u l-PL Victor Bugeja li gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw l-assenti, Paul Haines, b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2001.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici tal-10 ta' Jannar 2002 (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi l-attrici proprio u Paul Haines izzewgu fit-22 ta' Gunju 2000 fir-Registru Pubbliku u mill-liema zwieg twieldet it-tifla minuri, Michela Haines li llum ghandha tmien (8) xhur;

Illi Paul Haines irrenda ruhu hati fil-konfront ta’ l-attrici martu, ta’ eccessi, minacci, sevizzji u ngurji gravi b’mod li rrenda impossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

Illi *inoltre* l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba inkompatibbilta` ta’ karattru;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali *ad mensa et thoro,* skond digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, digriet numru hawn anness u mmarkat bhala “Dok. C”;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn l-attrici proprio u Paul Haines ikkommetta kontra martu u/jew minhabba inkompatibbilta` ta’ karattru bejn il-kontendenti;

2. Tafda l-kura u kustodja ta’ binthom minuri, Michela Haines f’idejn l-attrici ommha fl-ahjar interess ta’ l-istess minuri.

3. Tordna lill-istess Paul Haines ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja ghall-manteniment ta’ binthom minuri, Michela Haines li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta’ l-imsemmija minuri u l-mezzi ta’ Paul Haines, bil-modalita` ta’ hin, lok u gurnata ta’ pagament li tigi wkoll stabbilita;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn l-attrici proprio u Paul Haines;

5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali b’tali mod li, jekk ikun il-kaz, Paul Haines jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta’ l-attrici proprio u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta Paul Haines ta lok li ssir din is-separazzjoni;

6. Tassenja z-zewg porzjonijiet, wahda lill-attrici proprio u l-ohra lil Paul Haines bin-nomina *occorrendo* ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lil Paul Haines sabiex jikkonsenja lill-attrici proprio fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha dotali u parafernali taghha inkluz flus u deheb u fin-nuqqas, tikkundannah ihallas lill-attrici proprio, l-valur taghhom kif jigi likwidat *occorrendo* permezz ta' perit nominand.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk quddiem is-Sekond'Awla, kontra Paul Haines li minn issa huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 2002;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati (a fol. 16) fejn gie eccepit:-

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitolbu lill-attrici taghtihom l-indirizz tal-patrocinat taghhom.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati a fol. 17 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 17 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attur datata 27 ta' Awissu 2002 li permezz taghha ta ruhu b'notifikat bl-avviz ta' l-appuntament tal-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Gunju 2002 fejn Dr. Ludvic Caruana assocja ruhu fil-patrocinju ta’ l-attrici, inghata digriet tal-partijiet ta’ l-attrici b’terminu ta’ hamsin jum u gie nominat Dr. Vincent Galea bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 14 ta’ Awissu 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess, tal-genituri taghha, Francis u Josephine Cacciatolo u ta’ qrabatha Andre u Annabelle Camilleri;

Rat l-affidavitsipprezentati mill-attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Jannar 2003 u tat-28 ta’ Jannar 2003;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 29 ta’ Jannar 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit ta’ John Gerald Haines;

Rat l-affidavit ta’ John Gerald Haines ipprezentat mill-attrici a fol. 39;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 30 ta’ Marzu 2004 fejn il-Qorti tachdet it-talba ghat-talba ta’ l-attrici fir-rikors tas-17 ta’ Marzu 2004;

Rat in-nota tal-kuraturi deputati datata 9 ta’ Ottubru 2003 fejn permezz taghha pprezentaw l-affidavit tal-konvenut stess u dak ta’ Mary Christine Haines, omm il-konvenut;

Rat ir-rikors tal-kuratur deputat datat 3 ta’ Frar 2004 fejn talba is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat id-digriet tad-29 ta’ Marzu 2004 fejn il-Qorti tichad it-talba;

Rat l-affidavit tal-konvenut stess a fol. 43 u ta’ omm il-konvenut a fol. 53 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet li zzewgu fit-22 ta' Gunju 2000 civilment u f'Awissu 2000 izzewgu bil-Knisja u l-attrici ssostni li l-istess konvenut kien hati lejha ta' vjolenza domestika u ssemmi diversi incidenti ta' vjolenza anke qabel it-twelid tat-tarbija taghhom fit-8 ta' Meju 2001. Illi skond l-attrici dawn l-incidenti baqghu jippersistu tant li giet involuta anke l-Pulizija inkluz fl-ahhar incident li inqala' fit-3 ta' Awissu 2001. Hawn l-attrici ddecidiet li ma rieditx tkompli tghix mal-konvenut, u skond hija wara jumejn iccempel il-konvenut telaq lura pajjizu l-Ingilterra. Qabel ma telaq min Malta l-attrici tghid li huwa kien qatta' u kissir kwazi dak kollu li kien hemm fil-*flat* li kien mikri lilhom. Din ix-xhieda ta' l-attrici hija kkoroborata mix-xhieda ta' Francis u Josephine Cacciattolo u ta' Andre' u Annabelle Camilleri fl-affidavit rispettiv taghhom datat 14 ta' Awissu 2002. Iktar forsi huwa importanti l-fatt li tali agir tal-konvenut kien ikkonfermat bix-xhieda bl-affidavit ta' John Gerard Haines missier il-konvenut a fol. 38 sa 40 tal-process.

Illi minn naha l-konvenut fl-affidavit tieghu datat 3 ta' Ottubru 2003 jikkontesta dak kollu li qalet dwaru l-attrici, anzi huwa jsostni li kienet l-attrici li kienet vjolenti fil-konfront tieghu tant li qal li kien lest li jitlaq lill-attrici f'Dicembru 2000, izda ma ghamilx dan peress li skond huwa, l-attrici heddiditu li kienet ser toqtol lilha nfisha. Irrakonta wkoll diversi okkazzjonijiet fejn jghid li l-attrici ppanikjat. Minhabba dan kollu jghid li f'Mejju meta kien l-Ingilterra ghall-ezamijiet kien gja ddecieda li ma jmurx lura Malta, izda gie minhabba li ma riedx jitlef id-drittijiet tieghu fuq il-minuri. Jaghti rakkont ghal kollox differenti ta' dak li sehh fit-3 ta' Awissu 2001 fejn huwa minn naha tieghu jakkuza li kienet l-attrici li aggredietu. Minhabba dan huwa mar l-Ingilterra u ma kellux kuntatt izjed ma' l-istess attrici. Hemm ukoll ix-xhieda ta' Mary Christine Hayes, omm l-konvenut fejn hija tghid li ltaqghet ma' l-attrici darba biss, izda taf li l-istess attrici kienet abbuziva lejn l-konvenut fit-telefonati li kienu jsiru.

Illi jirrizulta li dawn l-affidavits gewipprezentati mill-kuratur wara l-eghluq tal-provi tieghu ddikjarati permezz ta' digriet datat 3 ta' Gunju 2003. Fil-fatt tali affidavits gew pprezentati mill-kuratur deputat bla awtorizzazzjoni tal-Qorti fid-9 ta' Ottubru 2003 u bla ma gew notifikati lill-istess attrici. Illi pero' fic-cirkostanzi din il-Qorti ser tawtorizza l-prezentata ta' l-istess, ghalkemm certament li l-komportament tal-kuratur deputat ma huwiex wiehed li ghandu jinkoraggih.
Illi minkejja dan kollu meta l-Qorti tara l-provi kollha prodotti f'dan il-kaz thoss li l-verzjoni ta' l-attrici hija iktar verosimili u apparti dan kkoroborata kemm mill-familjari taghha u kemm minn missier l-konvenut innifsu. Dan apparti li dwar il-minuri jidher li l-istess konvenut qata' kull kuntatt, mentri missieru kull darba li kien Malta inghata access ghalih, u ghalhekk abbazi tal-premess, l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.
Illi anke it-tieni talba ghandha tigi milqugha ghaliex kienet dejjem l-attrici li hadet hsieb l-istess minuri.
Illi dwar it-talbiet li jirreferu ghall-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, din ghandha tigi ddikjarat xolta b'effett mit-3 ta' Awissu 2001, u peress li jirrzizulta li ma hemm l-ebda assi ta' valur fl-istess komunjoni, din il-Qorti tiddikjara li ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz fl-istess.
Illi dwar is-seba' talba attrici din ghandha tigi michuda *stante* li ma jirrizultax mill-provi li din hja gustifikata jew giet b'xi mod ippruvata.
Illi dwar manteniment tal-minuri, din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li l-attrici u l-minuri ghandhom dritt ghall-manteniment minghand il-konvenut, peress li ma ingabet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut, ma tistax tasal sabiex tillikwida l-istess u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak premess, u filwaqt li tichad is-seba' (7) talba attrici *stante* li ma gietx ippruvata, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn premess, b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn l-attrici u Paul Haines minhabba li l-konvenut assenti kien hati verso l-attrici ta’ eccessi, minacci, sevizzji u ingurji gravi b’mod li rrenda l-hajja konjugali bejniethom impossibbli u ghalhekk l-istess zwieg tkisser irremedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli solament lill-istess konvenut.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja ta’ binthom minuri, Michela Haines f’idejn l-attrici ommha u dan fl-ahjar interess ta’ l-istess minuri.

3. Tiddikjara li l-attrici ghaliha u ghall-minuri ghandha dritt li tigi mantnuta mill-konvenut izda peress li f’din il-kawza ma ingabet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut, din il-Qorti ma tistax tiffissa r-rata ta’ alimenti pagabbli lill-attrici, u ghalhekk f’dan il-kuntest tasteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-talba.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn l-attrici proprio u Paul Haines u dan b’effett mit-3 ta’ Awissu 2001, u tapplika l-kontra l-konvenut id-dispozizzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-talba *stante* li l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti ma kienet tikkonsisti f’xejn ta’ valur u allura ma hemm xejn x’jigi likwidat u diviz.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba ghar-ragunijiet migjuba konsegwenti ghall-hames talba attrici u cjoe’, li ma hemm xejn x’jigi likwidat u diviz.

7. Tichad din it-talba sabiex il-konvenut assenti, Paul Haines, jigi kkundannat sabiex jikkonsenja lill-attrici proprio fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti kollha dotali u parafernali taghha inkluz flus u deheb u fin-nuqqas, sabiex tikkundannah ihallas lill-attrici proprio, l-valur taghhom kif jigi likwidat *occorrendo*

permezz ta’ perit nominand, u dan peress li ma ingabet l-ebda prova f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kollha inkluzi tal-proceduri tas-Sekond’Awla a karigu tal-konvenut assenti, filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------